MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 8/2022 LM

**Carmelo Vella (K.I. nru. 127467M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tad-29 ta' Lulju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrent **Carmelo Vella (K.I. nru. 127467M)** [hawnhekk 'l-appellat'], u

kkonkluda li minkejja li kien sar ħlas żejjed mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [mid-Dipartiment] favur ir-rikorrent, dan ma jistax jintalab lura.

**Fatti**

2. Permezz ta’ ittra mibgħuta lir-rikorrent fl-4 ta’ Jannar, 2021, huwa ġie mgħarraf mid-Direttur Ġenerali intimat li kien sar ħlas żejjed ta’ Għajnuna Soċjali fl-ammont ta’ €2,476.43, u li kellu jiġi rifuż lura lid-Dipartiment. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni billi bagħat ittra lid-Dipartiment, fejn spjega li huwa għamel xi żmien bla xogħol u għalhekk kien qiegħed jirċievi l-Għajnuna Soċjali. Qal ukoll li huwa ma kienx dispost li jbati minħabba żball li sar min-naħa tad-Dipartiment. Ir-rikorrent qal li l-ammont li huwa qiegħed jintalab jirrifondi huwa kbir wisq, u li kieku huwa minnu li rċieva dan l-ammont żejjed, huwa kien jinduna qabel. Fir-risposta tiegħu għal dan, id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li l-appell tar-rikorrent ma sarx fuq punt ta’ liġi jew prinċipju ta’ importanza. Żied jgħid li l-appell tar-rikorrent huwa tardiv għaliex minkejja li l-ittra ntbagħtet lilu mid-Dipartiment fl-4 ta’ Jannar, 2021, l-ittra bl-appell quddiem l-Arbitru intbagħtet mir-rikorrent fil-5 t’April, 2021. Bħala provi, quddiem l-Arbitru inġabu diversi *statements* ta’ kontijiet bankarji, kif ukoll kopja tal-*employment history* tar-rikorrent.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

3. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-29 ta’ Lulju, 2022, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b’dan il-mod:

*"Illi l-appellant irċieva ittra da parti tad-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Għajnuna Finanzjarja u Ossservanza) fejn ġiet dettaljata lista ta' ħlasijiet żejda illi kienu saru bejn il-perijodu tat-22 ta' Ottubru, 2016 u l-10 ta' Ottubru, 2017. L-ittra hija datata 4 ta' Jannar, 2021.*

*Illi l-appellant kiteb ittra b'referenza għall-imsemmija lista u kkunsidra l-ittra tiegħu bħala 'Appell' minn deċiżjoni tad-Direttur ai termini tal-Artikolu. Huwa jgħid illi malli rċieva l-ittra mar jitkellem mad-Dipartiment u sostna illi d-Dipartiment dam wisq sabiex jinfurmah u għalhekk għandu jbati l-iżball id-Dipartiment jekk kien hemm xi żball – madanakollu l-Appellant jgħid illi ma kien hemm l-ebda żball għaliex huwa qatt ma rċieva flus żejda għall-perijodu meta ma kienx qiegħed jaħdem.*

*Illi permezz ta' risposta datata 12 ta' Ottubru, 2021, id-Direttur (Sigurtà Soċjali) irrisponda billi ssottometta illi l-ittra esebita mill-Appellant, li abbażi tagħha kiteb l-ittra li qanqlet l-appell odjern, ma hijiex 'deċiżjoni' iżda sempliċi ittra illi tavża lill-Appellant dwar 'overpayment'. Inoltre u in seconda linea, id-Direttur issottometta ukoll illi fi kwalsiasi każ, jekk l-ittra titqies bħala deċiżjoni, xorta waħda l-appell tal-Appellant huwa tardiv.*

***Fatti tal-Każ***

*Illi l-Appellant kien jirċievi Għajnuna għall-Qgħad u d-Dipartiment talab ħlas lura għal perijodi indikati fl-istess ittra ammontanti għal €2,476.43.*

*Illi permezz ta' ittra datata 4 ta' Jannar, 2021, l-Appellant irċieva ittra illi tiddettalja l-lista ta'* overpayments *illi saru lilu u l-ammonti relattivi.*

*Illi permezz ta' ittra datata 31 ta' Marzu, 2021, l-Appellant kiteb ittra intiża bħala appell sabiex jikkontesta l-kontenut tal-ittra tal-4 ta' Jannar, 2021.*

*Illi d-deċiżjoni proprja fejn l-Appellant ġie nfurmat illi tħallas żejjed u r-raġuni relattiva ma ġietx esebita mill-appellant u wisq anqas mid-Dipartiment.*

*Illi jirriżulta bħala stat ta' fatt illi fil-perijodu mertu tal-każ, l-Appellant ma kienx reġistrat illi kien qiegħed jaħdem u dan kif konfermat minn rappreżentant tal-JobsPlus.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Illi nonostante illi huwa fatt illi:*

*1. L-ittra tal-4 ta' Jannar, 2021 ma hijiex deċiżjoni illi minnha jista' jsir appell iżda hija sempliċi talba għal ħlas;*

*2. L-ittra intiża bħala appell fi kwalsiasi każ ġiet mibgħuta barra mit-terminu impost mil-liġi għall-appelli.*

*L-Arbitru kkonċeda lill-Appellant opportunità sabiex jagħti spjegazzjoni il-għaliex ma jaqbilx illi l-ammont mitlub mid-Dipartiment m'għandux jintradd lura minnu.*

*Illi fl-ewwel lok irriżulta illi l-Appellant kien qiegħed jirċievi żewġ pagamenti u żewġ benefiċċji, u dan nonostante illi l-Appellant baqa' jsostni taħt ġurament illi huwa kien jirċievi biss pagament wieħed.*

*Illi ġew esebiti żewġ dokumenti bankarji illi juru biċ-ċar illi l-Appellant kien qiegħed jirċievi żewġ benefiċċji u għalkemm l-Appellant xehed taħt ġurament illi kien ċert illi kien qiegħed jirċievi biss benefiċċju wieħed waqt il-perijodu ta' qgħad, id-dokumenti bankarji eżebiti mir-rappreżentant tal-bank juru mod ieħor u l-Appellant verament kien qiegħed jirċievi żewġ benefiċċji.*

*Illi madanakollu jirriżulta wkoll, illi huwa probabbli illi l-Appellant qatt ma rċieva d-deċiżjoni proprja. Fil-fatt, id-Dipartiment naqas milli jeżebixxi d-Deċiżjoni u wkoll, l-Appellant ma setax jipprovdi l-istess għaliex il-pożizzjoni tal-Appellant mix-xhieda tiegħu tidher illi hija fis-sens illi l-ewwel darba li kien avżat dwar il-ħlas żejjed kien proprju fl-2021.*

*Illi għalhekk ma jistax jiġi aċċertat jekk id-deċiżjoni qatt intbagħtitx u għal din ir-raġuni, l-Arbitru ma jistax jilqa' l-argument tad-Direttur dwar l-appell tardiv.*

*Illi l-Arbitru jinnota wkoll, illi l-'*overpayment*' inħoloq għaliex l-Appellant kien qiegħed jirċievi żewġ benefiċċji minflok wieħed. Għalkemm l-Appellant xehed taħt ġurament illi huwa kien jirċievi biss benefiċċju wieħed, l-istatements bankarji juru mod ieħor.*

*Illi madankollu, filwaqt li l-Arbitru jikkundanna d-dikjarazzjoni inveritiera tal-appellant taħt ġurament, li setgħet però ma saritx* in mala fede *iżda minħabba nuqqas ta' viġilanza tal-Appellant dwar dħul fil-kontijiet bankarji, l-Arbitru ma jistax ma jikkonkludix illi l-iżball ta' ħlas żejjed sar da parti tad-Dipartiment u għalhekk ammonti li tħallsu oltre sentejn qabel id-deċiżjoni tad-Direttur, ma jistgħux jintalbu lura.*

*Illi a skans ta' ripetizzjoni, l-Arbitru jisħaq illi kopja tad-Deċiżjoni proprja qatt ma ġiet eżebita u għalhekk, l-ittra ta' Jannar 2021 tidher li hija l-ewwel forma ta' komunikazzjoni dwar il-ħlas żejjed.*

*Illi l-ħlas żejjed sar fis-snin 2016-2017 u ċioe oltre sentejn qabel id-deċiżjoni u ma jistax jintalab lura.*

*Għaldaqstant l-Arbitru jiddisponi minn dan il-każ billi:*

1. *In vista taċ-ċirkostanzi, jikkonferma illi l-ittra tal-4 ta' Jannar, 2021 tikkostitwixxi deċiżjoni għall-finijiet tal-każ odjern;*
2. *Jilqa' l-appell;*
3. *Jikkonkludi illi l-ħlas żejjed, għalkemm inħoloq, ma jistax jintalab lura."*

## <u>L-Appell</u>

4. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fl-1 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbtiru tad-29 ta' Lulju, 2022. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u qal li l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu filli: (1) l-Arbitru kienet żbaljata meta qieset l-ittra interpellatorja tal-4 ta' Jannar, 2021 bħala deċiżjoni; u (2) bla ħsara għal dan l-aggravju, l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll meta ddeċidiet li l-ħlas żejjed ma jistax jintalab lura.

5. L-appellant spjega li l-appellat kien benefiċjarju tal-benefiċċju tal-mard, iżda għall-perijodu bejn it-22 ta' Ottubru, 2016 sal-5 ta' Mejju, 2017, huwa kien qiegħed jirċievi l-benefiċċju tal-għajnuna soċjali. L-appellant spjega li ladarba l-appellat kien qiegħed jirċievi l-benefiċċju tal-mard, dan ma setax jirċievi l-għajnuna soċjali fl-istess waqt. Kien għalhekk li d-Direttur Ġenerali, permezz ta' deċiżjonijiet datati t-23 ta' Diċembru, 2016, il-11 ta' Jannar, 2017, it-22 ta' Frar, 2017, is-7 ta' Marzu, 2017, l-4 ta' April, 2017 u s-26 ta' April, 2017, informa lill-appellat bil-ħlas żejjed li sar, u bir-rata li biha kien ser jitnaqqas dan il-ħlas żejjed. L-appellat kien anki ġie infurmat bid-dritt ta' appell. L-appellant qal li Carmelo Vella naqas milli jappella minn dawn id-deċiżjonijiet, u bi żvista dawn id-deċiżjonijiet ma ġewx ippreżentati quddiem l-Arbitru.

6. L-appellant qal li wara li l-appellat irċieva l-ittra interpellatorja tal-4 ta' Jannar, 2021 sabiex iħallas lura dak dovut lid-Dipartiment, l-appellat iddeċieda li jappella mill-ittra interpellatorja. L-appellant qal li l-ittra kienet biss interpellazzjoni u mhux deċiżjoni, u għalhekk din ma kinitx appellabbli quddiem l-Arbitru. L-appellant qal li minkejja li din l-ittra ma kinitx deċiżjoni tiegħu, iżda korrispondenza mibgħuta mill-*Overpayment Section* tad-Dipartiment, l-Arbitru ddeċidiet li l-ittra tal-4 ta' Jannar, 2021 tikkostitwixxi deċiżjoni għall-finijiet ta' dan il-każ, u għalhekk laqgħet l-appell u kkonkludiet li l-ħlas żejjed għalkemm sar, ma jistax jintalab lura. L-appellant żied jgħid li fil-mori ta' dan l-appell, l-ammont imħallas żejjed ġie rivedut u llum hemm pendenti l-ammont ta' €1,530.35 li għad irid jiġi rifuż lid-Dipartiment.

7. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Arbitru kienet żbaljata meta qieset id-deċiżjoni tal-4 ta' Jannar, 2021 bħala deċiżjoni finali. Qal li l-ittra interpellatorja ma kinitx deċiżjoni appellabbli quddiem l-Arbitru, u għalhekk l-Arbitru ma setgħetx tikkonsidra l-appell. Qal li permezz tal-ittra tiegħu, id-Dipartiment kien qiegħed jitlob il-ħlas lura tal-ammont indikat fi żmien xahar mid-data tal-ittra. L-appellat ġie avżat ukoll li jekk jibqa' ma jħallasx jew ma jirrikorrix għand id-Dipartiment sabiex jintlaħaq ftehim dwar il-ħlas dovut minnu, id-Dipartiment kien ser ikun kostrett jipproċedi kontra tiegħu permezz ta' kawża legali, kif ukoll billi jintavola l-eventwali mandati eżekuttivi opportuni sabiex jiġbor il-ħlas żejjed flimkien ma' spejjeż legali oħra. L-appellant qal li għalhekk l-ittra tiegħu tal-4 ta' Jannar, 2021, ma setgħetx titqies bħala deċiżjoni appellabbli quddiem l-Arbitru, u l-Arbitru ma kellhiex il-kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar jekk l-ammont pretiż setax jinġabar lura. L-appellant qal li dan tant huwa minnu, li fl-ebda parti tal-ittra ma ġie speċifikat li l-appellat għandu

dritt ta’ appell quddiem l-Arbitru. Qal li filwaqt li huwa minnu li d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellant li ntbagħtu fis-sena 2016 u fis-sena 2017 ma ġewx preżentati quddiem l-Arbitru, dawn id-deċiżjonijiet ma ġewx appellati mill-appellat, iżda b’daqshekk ma jfissirx li l-Arbitru kellha *a sua sponte*, tiddeċiedi li ittra interpellatorja hija deċiżjoni appellabbli quddiemha.

8. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-Arbitru għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ddeċidiet li l-ħlas żejjed ma jistax jintalab lura. Qal li l-Arbitru fid-deċiżjoni tagħha qieset li l-*overpayment* inħoloq għaliex l-appellant kien qiegħed jirċievi żewġ benefiċċji minflok wieħed, u filwaqt li kkonkludiet li kien hemm ħlas żejjed, iddeċidiet ukoll li dan ma jistax jintalab lura għaliex dan il-ħlas sar aktar minn sentejn qabel. L-appellant saħaq li l-ittra tiegħu tal-4 ta’ Jannar, 2021 ma kienet deċiżjoni xejn, u kien fis-snin 2016 u 2017 li ttieħdu d-deċiżjonijiet li ntbagħtu lill-appellat. L-appellant qal li filwaqt li l-Arbitru ma indikatx l-artikolu 102(1) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta, jidher ċar mill-konsiderazzjonijiet magħmula, li l-Arbitru għamlet interpretazzjoni żbaljata ta’ dan l-artikolu, speċifikament meta qieset li ammonti li tħallsu aktar minn sentejn qabel l-ittra tal-appellant, ma jistgħux jintalbu lura. L-appellant qal li l-artikolu 102(1) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta jikkrea modalità u rata perċentwali dwar kif id-Diparitment jista’, permezz ta’ tnaqqis minn ħlas ta’ benefiċċju, *allowance* jew għajnuna li jkollu dritt għalih il-benefiċjarju, jitħallas lura dak imħallas żejjed. L-appellant qal li l-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta ma jipprovdix li l-ħlas żejjed jista’ jintalab lura limitatament għall-perijodu ta’ sentejn qabel id-Direttur Ġenerali isir jaf bl-iżball, iżda li t-tnaqqis minn benefiċċju, *allowance,* jew għajnuna li

jkollu dritt għalih il-benefiċjarju, jista' jsir fuq il-perijodu ta' sentejn qabel id-data meta d-Direttur Ġenerali ikun sar jaf bl-iżball.

9. L-appellant żied jgħid li l-fakultà pprovduta bl-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 318 hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-appellant li jipproċedi ċivilment kontra l-benefiċjarju permezz ta' proċeduri ġudizzjarji għall-ammont dovut. Qal li l-ittra tal-4 ta' Jannar, 2021, kienet fil-fatt talba għall-ħlas, li permezz tagħha d-Dipartiment kien qiegħed jinterpella lil Carmelo Vella sabiex iħallas, u wissieh li f'każ li jonqos milli jagħmel dan, kien ser jipproċedi kontra tiegħu b'kawża legali. L-appellant qal li jekk din il-Qorti hija tal-fehma li jista' jinġabar lura biss l-ammont imħallas għal perijodu ta' sentejn minn meta d-Direttur Ġenerali jinduna bl-iżball, għandu jirriżulta li d-Direttur Ġenerali induna bl-iżball fl-istess snin li għalihom qiegħda tintalab ir-rifużjoni, l-2016 u l-2017. Qal li l-artikolu 102(1)(ii) tal-Kap. 318 jitkellem dwar perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur Ġenerali ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed, u mhux dwar perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur Ġenerali jieħu d-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal li l-Arbitru ma setax jiddeċiedi li l-ħlas żejjed ma jistax jintalab lura, u Carmelo Vella fil-fatt naqas milli jindika l-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu kien qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni.

10. L-appellat ma ressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant, imma għamel is-sottomissjonijiet tiegħu *viva voce*.

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet tal-appellat, u tal-konsiderazzjonijiet magħmulin

fid-deċiżjoni appellata. Tibda billi tosserva li filwaqt li l-appellant jgħid li kien hemm numru ta' deċiżjonijiet li ngħataw minnu fil-konfront tal-appellat u li ġew notifikati lilu, fil-proċeduri quddiem l-Arbitru ma nġabet l-ebda prova ta' dawn id-deċiżjonijiet, u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni tad-dikjarazzjoni li saret mill-appellant li kien hemm sensiela ta' deċiżjonijiet li ttieħdu minnu fil-konfront tal-appellat, u li dawn ma ġewx appellati.

*L-ewwel aggravju:* *[ittra Interprellatorja mhijiex deċiżjoni]*

12. L-appellant jgħid li l-ittra interpellatorja mibgħuta lill-appellat fl-4 ta' Jannar, 2021 mhijiex 'deċiżjoni' li minnha seta' jsir appell lill-Arbitru, iżda hija ittra li permezz tagħha l-appellat ġie interpellat iħallas jew aħjar jirrifondi ammonti żejda li tħallsu lilu. F'din l-ittra, l-appellat ġie infurmat li f'każ li jonqos milli jħallas dak dovut minnu fi żmien xahar mid-data tal-ittra, kienu ser jittieħdu l-passi neċessarji sabiex id-Dipartiment jiġbor dawn il-flus lura, liema passi jinkludu proċeduri legali, li f'każ li jkollhom eżitu pożittiv għad-Dipartiment jistgħu jwasslu għall-ħruġ tal-mandati eżekuttivi opportuni u proċeduri legali oħra sabiex id-Dipartiment ikun jista' jirkupra flusu. Il-Qorti tqis li appell quddiem l-Arbitru ma kienx il-mod idoneu li bih l-appellat kellu joġġezzjona għal din l-ittra li ntbagħtet lilu, minkejja li jirriżulta li kien l-appellat li bagħat din l-ittra lis-Segretarja tal-Arbitru fl-indirizz tal-*Umpire Board.* Hawnhekk il-Qorti tqis li proċedura amministrattiva tajba titlob li għandu jkun hemm mekkaniżmu intern li permezz tiegħu oġġezzjonijiet bħal dik li kellu l-appellat, ikunu jistgħu jinstemgħu mid-Direttur Ġenerali appellant jew minn rappreżentant tiegħu, u mhux jiġi eċċepit li l-'appell' tal-appellat ma kellux jinstema' mill-Arbitru, li fil-

fatt kienet konsiderazzjoni tal-Arbitru fid-deċiżjoni tagħha, bil-konsegwenza li l-appellat jitħalla mingħajr rimedju u mingħajr smigħ. Huwa evidenti minn dak li jirriżulta mill-provi, li l-appellat għadda minn diversi perijodi diffiċli f'ħajtu, u minkejja li fl-'appell' tiegħu quddiem l-Arbitru, huwa naqas milli jagħti dettalji tad-diffikultajiet personali li għadda minnhom minn żmien għal żmien, prassi amministrattiva tajba titlob li huwa jingħata spjegazzjoni għalfejn qiegħed jintalab jirrifondi dawn l-ammonti, u jingħata l-opportunità fejn ikun jista' jressaq għall-attenzjoni tad-Dipartiment ir-realtajiet diffiċli li kien għaddej minnhom. Il-liġi diġà tippermetti għal modalitajiet u tnaqqis rateali dwar kif jista' jsir il-ħlas lura ta' ammonti mħallsa żejda mid-Dipartiment. Li kellu jsir f'dan il-każ huwa li tiġi adottata prassi amministrattiva korretta fejn l-appellat ikun jista' jindirizza l-oġġezzjoni tiegħu għat-talba li saritlu. Mhux ċar f'dan il-każ għal liema raġuni d-Direttur Ġenerali appellant bagħat ittra formali minflok per eżempju aġixxa b'kull mezz ieħor li tagħti l-liġi sabiex jinterpella lill-appellat jersaq għall-ħlas, ladarba kien hemm diġà numru ta' 'deċiżjonijiet' li ttieħdu fil-konfront tal-appellat u li huwa naqas milli jappella minnhom. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li fil-każ odjern kien hemm diversi nuqqasijiet proċedurali tad-Direttur Ġenerali appellant, li ma setax jippretendi li jibgħat ittra fejn jesiġi li jsir ħlas minn individwu, mingħajr ma joffri lil dak l-individwu l-opportunità li li jressaq l-oġġezzjoni tiegħu għat-talba li saritlu. Huwa f'dan l-ispirtu li l-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, u filwaqt li taċċetta li huwa minnu li appell quddiem l-Arbitru ma kienx il-mod kif l-appellat kellu joġġezzjona għat-talba li saritlu, fl-istess waqt ma jistax ikun li persuni fis-sitwazzjoni tal-appellat ma jingħataw ebda widen.

*It-tieni aggravju:* *[id-deċiżjoni li l-ħlas żejjed ma jistax jintalab lura]*

13. L-appellant għamel riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tal-Arbitru fejn ingħad li d-Dipartiment ma jistax jitlob għall-ħlas żejjed b'lura, ladarba kienu għaddew aktar minn sentejn mid-data li fiha sar dan il-ħlas żejjed. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-appellant qiegħed jitlob rifużjoni ta' ħlas żejjed li sar fis-snin 2016 u 2017, u għalkemm jgħid li kien hemm 'deċiżjonijiet' dwar il-ħlas żejjed li sar minnu f'dan il-perijodu, liema deċiżjonijiet ma ġewx appellati mill-appellat, ma nġabet l-ebda prova quddiem l-Arbitru ta' dawn id-deċiżjonijiet. Jirriżulta wkoll li l-Kap. 318 ma jiffissa l-ebda terminu preskrittiv fir-rigward tal-ħlas li jista' jintalab lura mid-Dipartiment appellant. Il-liġi tippreskrivi biss li meta jkun għadda terminu ta' sentejn minn meta jkun sar il-ħlas żejjed, id-Direttur Ġenerali appellant ma jistax inaqqas l-ammont imħallas żejjed b'mod awtomatiku minn xi benefiċċju, *allowance* jew xi għajnuna oħra li jkun qiegħed jipperċepixxi l-individwu. L-artikolu rilevanti tal-Kap. 318 fil-fatt jgħid hekk:

> "102.(1) Ħlief kif provdut fl-Artikolu 98(3), b'seħħ mill-1 ta' April, 1978, kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, *allowance,* jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irċeviet, u d-Direttur għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li tagħtih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan:
>
> Iżda, b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 1990 –
>
> (i) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kinux bi frodi) ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur iżda fl-ebda każ ma għandu jkun

anqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan; u

(ii) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (i) ta' dan il-proviso, ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu wkoll jiġi deċiż mid-Direttur iżda f'ebda każ ma għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan, sakemm il-benefiċjarju jew il-pensjonant konċernat, skont kif ikun il-każ, jitlob illi rata ogħla ta' dak it-tnaqqis tiġi effettwata; iżda hekk illi fi kwalunkwe każ id-Direttur ma għandu jkollu ebda dritt li jagħmel kull tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar ħlasijiet żejda, li jkunu saru qabel il-perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perijodu li ħgalih dak il-ħlas żejjed jirreferi:

Iżda wkoll, ħlief għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (i) tal-proviso ta' qabel ta' dan is-subartikolu u d-dispożizzjonijiet relatati mal-perijodu ta' snin li dwaru flus imħallsa żejda għandhom jiġu rifużi kif imsemmi fil-paragrafu (ii) tal-imsemmi proviso, il-proviso ta' qabel ta' dan is-subartikolu għandu, b'effett mis-6 ta' Jannar, 1990, japplika wkoll għal każijiet fejn dak il-ħlas żejjed sar jaf bih id-Dipartiment f'xi żmien qabel is-6 ta' Jannar, 1990, u dak il-ħlas żejjed jew parti minnu kien għadu dovut lid-Diaprtiment wara d-data fuq imsemmija."

14. Illi għalhekk il-Kap. 318 ma jipprefiġġi l-ebda limitazzjoni ta' żmien sabiex id-Direttur Ġenerali appellant jitlob lura ir-rifużjoni ta' xi ħlas żejjed. Il-liġi tippreskrivi biss li meta jkun għadda terminu ta' sentejn minn meta jkun sar il-ħlas żejjed, id-Direttur Ġenerali appellant ma jistax inaqqas l-ammont imħallas żejjed b'mod awtomatiku minn xi benefiċċju, *allowance* jew xi għajnuna oħra li jkun qiegħed jirċievi l-individwu. Iżda hawnhekk l-Qorti tqis li fejn ikun għadda ċertu ammont konsiderevoli ta' żmien bħal fil-każ odjern, l-appellant għandu josserva dak li ġibdet l-attenzjoni dwaru l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet li għamlet rigward l-ewwel aggravju. Għal dawn ir-ragunijiet tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**